MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 435/2014

**Anthony Grech Sant ghal kull interess li jista jkollha Maria sive Moira Grech Sant u Anjake Limited (C7823)**

**vs**

**Ronald Robert Balani u martu Jane Balani personalment u ezercenti il-kummerc taht l-isem "Savita"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Ronald Robert Balani u martu Jane Balani personalment u ezercenti l-kummerc taht l-isem “Savita” li talab lill-Qorti tordna l-hrug ta’ kontromandat stante depozitu ta’ garanzija bankarja.

Rat it-twegiba ta’ Anthony Grech Sant et li permezz taghha ghalkemm ma sabu ebda oggezzjoni ghall-hrug tal-kontromandat mitlub, talbu li l-istess garanzija tinzamm mill-avukat taghhom u dan ghaliex isostnu li jistghu eventwalment jinqalghu problemi sabiex din tigi zbankata.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-Art. 836 tal-Kap 12.

Tqis li fic-cirkostanzi tissussisti s-sitwazzjoni kontemplata fl-(1c) tal-fuq citat Art. 836 fis-subinciz.

Tqis inoltre li l-oggezzjoni tal-kredituri m’hijiex gustifikabbli.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba u tordna l-hrug tal-opportun kontro-mandat.

Kull parti tbati l-ispejjez taghha.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------